MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 26/2004

**Ivan Mifsud**

**vs**

**James Scerri u Marisa Concetta Spiteri ghal kull interess li jista' jkollha.**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab ghaliex il-konvenuti m;ghandhomx ikunu ikkundannati li prevja d-dikjarazzjoni li huma jinsabu responsabbli ghad-danni subiti mill-attur, kawza ta' incident awtomobilistiku li sehh nhar il-15 ta' Jannar 2003, fi Triq Regjonali San Giljan, bejn il-vettura LAG 474 misjuqa mill-attur u l-vettura MMS 020 misjuqa minn James Scerri li f'dik il-gurnata ma kellux licenzja tas-sewqan u li kellu l-vettura fdata f'idejh minn Concetta Spiteri, dan minhabba agir abbuziv, traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da

parti ta’ James Spiteri u agir illegali da parti ta’ Concetta Spiteri, ghandkom tigu kkundannati thallsu dawk id-danni kollha hekk sofferti minn l-attur kawza ta’ dan l-incident. Bl-imghaxijiet skond il-ligi, bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittri interperllatorji tat-28 ta’ Jannar 2003 tas-26 ta’ Mejju 2003, tas-16 ta’ Lulju 2003, tat-18 ta’ Awissu 2003. Bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni. Ghal finijiet ta’ kompetenza qed jigi ddikjarat li d-danni subiti ma jeccedux l-Lm2500.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti:

1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti stante li danni jekk hemm, huma inferjuri ghall-Lm1500;
2. Illli l-konvenuta Maria Concetta Spiteri qatt ma kienet involuta f’incidenti stradali ma’ l-attur u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident ma kienx tort tal-konvenut u ghaldaqsant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti tal-kawza u semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat din hija sentenza fil-mertu wara li l-eccezzjoni preliminari kienet kunsidrata u deciza permezz ta’ sentenza in parte fit-18 t’April, 2007;

Din hija kawza ghall-hlas ta’ danni naxxenti minn incident awtomobilistiku bejn l-attur u l-konvenut James Scerri b’dan tal-ahhar li kien qieghed isuq il-vettura ta’ ommu minghajr ma kien debitament munit b’licenzja tas-sewqan. Il-fatti tal-incident inniffsu ftit, jekk xejn, huma dibattibbli meta tqis illi l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu f’kareggjata li hija delinejata u separata mill-kareggjata opposta permezz ta’ *centre strip* tal-konkos. Il-konvenut jghid illi kien qed isuq b’cirka 45 kilometru fis-siegha meta ra xi haddiema qeghdin jahdmu fit-triq u meta kiser tilef il-

kontroll. Konsegwenza ta' dan, il-konvenut qabez is-*centre strip*, gie fil-kareggjata opposta u baqa diehel fil-vettura tal-attur li ma kellu assolutament ebda kontribut ghall-incident u ghalhekk mhux mehtiega konsiderazzjonijiet ulterjuri dwar responsabilita' ghaliex certament illi ghal din il-kollizzjoni jahti biss l-istess konvenut James Scerri;

Dak li hu kontestat, izda, huwa l-kwantum tad-danni. L-attur jghid illi f'Malta ma ssibx tixtri parts ghall-vettura tieghu u ghal dan kellu jirrikorri ghal *supplier* mill-Amerika u fil-fatt xtara l-parts hu u ghamel dawk it-tiswijiet necessarji. Dawn il-parts, komprizi il-garr taghhom mill-Amerika ghall-Malta, dazju u VAT, u mano d'opera, jammontaw ghall-Lm1646.05. Il-perit tekniku appuntat minn din il-Qorti sabiex jaghmel stima tal-hsarat u l-ispejjez biex issewwi l-istess, wasal ghall-konkluzzjoni illi "l-ispiza tlahhaq massimament l-Lm1081.95". Sabiex wasal ghal din l-istima, l-perit tekniku kkonkluda li ma jaqbilx illi l-parts ingiebu Malta bil-UPS [meta fil-fatt ingiebu bil-USPS li mezz ta' trasport irhas mill-UPS], u ma jaqbilx ukoll illi inxtraw zewg molol minflok wahda u li dik l-molla setghet tkun manifatturata f'Malta. Bid-dovut rigward, il-Qorti ma taqbilx pjenament mal-perit tekniku u dan ghaliex *in primis* huwa principju regolanti kawzi ta' danni illi id-danneggjat ghandu jkun imqieghed f'dik il-posizzjoni li kien qabel l-incident. Jekk il-leaf spring tista verament tkun manifatturata f'Malta ghandha tkun xelta tad-danneggjat jekk jaghzilx din il-via jew le tenut kont li part illi ma tkunx originali jista' jkollha effett fuq ir-*resale value* tal-vettura tieghu. Il-perit tekniku ma ta l-ebda hjiel ta' kemm tista' tiswa *leaf spring* jekk tkun manifatturata f'Malta u jekk din ikollhiex l-istess *specifications* tal-parti originarju. Jekk imbaghad l-attur kien kostrett li jixtri zewg *leaf springs* ghaliex dawn jinbieghu bhala par, allura dik mhix utilizzata ghandu dritt ghaliha l-konvenut u m'ghandhiex titnaqqas mill-ispejjez inkorsi mill-attur. Il-fatt illi l-oggetti kellhom jingiebu Malta malajr kemm jista' jkun huwa biss ta' soljev lill-konvenut ghaliex l-attur wera li kawza ta' dawn id-danni huwa kellu jikri vettura peress illi xoghlu huwa fit-turizmu u f'hinijiet makabri tal-lejl u aktar ma ddum tissewwa l-vettura aktar kien ser jinkorri spejjez.

L-attur wera illi huwa ghamel dak li titlob minnu l-ligi billi mminimizza d-danni u dan meta hu ma' keriex vettura tul il-perjodu kollu li fih damet tissewwa l-vettura tieghu ghaliex wara ftit huwa beda juza l-vettura ta' missieru, haga li ma setghax jaghmel qabel ghaliex din ukoll kienet bil-hsara. L-attur ghamel dawk it-tiswijiet identifikati mis-surveyor Natalino Agius filwaqt illi l-perit tekniku ddikjara illi huwa ma kienx ghal kurrenti tal-hsarat li setghu kienu skoperti waqt li kienu qieghdin isiru ir-riparazzjonijiet fuq il-vettura tal-attur, haga li ma eskludiex li setgha ukoll ikun il-kaz. Huma ghal dawn ir-ragunijiet illi din il-Qorti qed tillikwida d-danni kif pruvati mill-attur fis-somma ta' Lm1646.05 llum ekwivalenti ghall-€3834.27;

Illi in linea mal-principju *ei incumbit probatio qui dicit non qui negat*, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tikkundanna lill-konventa Maria Concetta Spiteri bhala responsabbli mill-incident u konsegwenzjali danni. L-attur qed jistenna li din tkun dikjarata ko-responsabbli ghaliex il-vettura tappartjeni lilha u li din kienet "fdata f'idejh minn Concetta Spiteri". Il-kawza diretta tal-incident kien is-sewqan tal-konvenut Scerri u ma hemm xejn x'jindika li l-konvenuta l-ohra kienet b'xi mod responsabbli u ghal dawn il-mottivi l-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni taghha u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti qed tiddeciedi din il-vertenza billi tilqa' t-talbiet tal-attur kwantu diretti kontra James Scerri u tikkundannah ihallas lill-attur s-somma ta' €3834.27 bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez inkorsi mill-attur kif ravvizati fl-avviz tieghu.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------